MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Numru 916/2004

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Carmelo Abdilla)**
**Anthony Agius**
**vs**

**CHRISTOPHER SHEPHERD**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Sherpherd ta’ 34 sena iben Anthony u Mary Anne nee’ Shepherd imwieled Victoria 20/07/1970 u joqghod no 123 Triq Tal-Borg Paola. Dettentur tal-karta tal-identita numru 0019870(M) gie akkuzat:

Talli, f'dawn il-Gzejjer, gewwa il-parking area quddiem ITS fi Triq Profs Walter Ganado San Giljan, nhar il-22 ta' Ottubru 2004, ghal habta tal-11.30 ta' filghaxija ikkometta serq ta' minn vettura EAC564 marka Fiat Uno liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, valur u bix-'xorta tal-haga misruqa', u dan ghad-dannu ta' Francis Farruigia, u dan bi ksur ta Artikoli 261, u 271(g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli fl-istess zmienjiet, lok u cirkustanzi f'Malta xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew immexxihom u dan bi ksur ta' Artikolu 334 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

u aktar talli fl-istess data u hin gewwa l-istess postijiet tal-gzejjer ta' Malta, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg ta haddiehor, mobli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura EAC564 tal-ghamla Fiat Uno ghad-dannu ta' Francis Farrugia mir-Rahal il-Gdid liema hsara teccedi il-mitt lira Maltin, imma ma teccedix l-elf lira Maltin u dan ai terminu tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

u aktar talli hu ricediv b'sentenza, tal-Qorti tal-Magistrati Malta, u tal-Qorti Kriminal ta' l-appell liema sentenzi huma deffinitivi… ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 para (1) tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MAS1 u nnutat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Abdilla iddikjara li l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tiena akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni,

ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tat-22 ta' Frar, 2005 Dr Franco Debono, l-avukat difensur tal-imputat, iddikjara li l-imputat qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontrih salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq.

Innutat li fil-Verbal tal-istess Seduta tat-22 ta' Frar, 2005 l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Carmelo Abdilla u l-Ispettur Anthony Agius ikkonfermaw dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Abdilla fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004 rigward l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u cioe' li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Innutat li fl-istess Seduta tat-22 ta' Frar, 2005 Dr Franco Debono, l-avukat difensur tal-imputat, talab li l-Qorti tordna Pre-Sentencing Inquiry Report rigward l-imputat.

Innutat li fl-istess Verbal tas-Seduta tat-22 ta' Frar, 2005 il-Prosekuzzjoni ma opponitx it-talba.

Il-Qorti laqghet it-talba fl-imsemmija Seduta tat-22 ta' Frar, 2005.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-5 ta' April, 2005 l-imputat Christopher Shepherd ikkonferma li hu qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq.

Innutat li fis-Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005 il-Probation Officer Carmen Borg ippresentat ir-Rapport taghha (Dok CBP1).

Il-Qorti issa sejra taghmel numru ta' referenzi ghall-imsemmi Rapport (Dok CBP1);

(a) Illi minn pagna 11 tal-imsemmi Rapport, inter alia, jirrizulta li: Mir-rekords mahruga mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig (ETC) irrizulta li l-imputat jinsab dizokkupat u li ukoll mir-rekords mahruga mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig (ETC) juru li l-imputat qatt ma hadem.

(b) Hu sinifikanti ghal fini li jigi skopert il-karattru veru tal-imputat li jigi riportat bran mill-imsemmi Rapport (pagna 10) fejn b'referenza ghal problema li ghandu l-imputat fir-rigward tal-loghob ta' l-azzard, hemm, inter alia, is-segwenti: "Skond Romina Borg, it-tfajla ta' l-imputat din l-imgieba ta' l-omm affetwat lil Christopher minhabba li kien jittiehed jilghab it-tombla ma l-omm meta kien ghadu zghir. Meta Romina bdiet titkellem dwar dan, l-imputat beda juri certu rabja tant li qam u imbuttaha minn fuq is-siggu, hija waqghet u ghal dak il-hin kecciha 'l barra mid-dar flimkien ma binthom li ghad ghandha sena u ftit xhur." (Sottolinjar tal-Qorti).

(c) Issir ukoll referenza ghas-segwenti bran min pagna 10 tal-imsemmi Rapport: "L-imputat sahaq ma l-Ufficjal tal-Probation li huwa jsib appogg kbir minghand missieru specjalment mill-aspett finanzjarju. Huwa kompla jghid li missieru ghenu kemm-il darba sabiex ihallas il-multi li l-Qorti ta' Malta ordnatlu jhallas kif ukoll jghinu sabiex isostni ruhu fil-hajja ta' kulljum."

(d) Issir ukoll referenza ghal bran mill-verzjoni li taha l-imputat Christopher Shepherd lill-Probation Officer (ara pagna 5 tar-Rapport Dok CBP1): "Christopher Shepherd qal lill-Ufficjal tal-Probation li huwa kien ghaddej minn Paceville u gewwa karozza lemah zewg speakers. L-imputat sostna li wara li fetah din il-vettura huwa ha dawn iz-zewg speakers flimkien ma basket. Shepherd kompla li huwa tefa' l-affarijiet li kien seraq fil-karozza tieghu. Meta

rega' mar lura lejn il-karozza tieghu huwa sab li kien hemm il-Pulizija hdejn il-karozza tieghu fejn gie arrestat… .”

Issa il-Qorti sejra ticcita minn bran tal-Istqarrija tal-istess imputat moghtija fit-23 ta’ Ottubru, 2004 (Dok CA1);

“M. L-affarijiet li sabu fil-karozza tieghek bin-numru BAP105 Skoda ta’ minn huma u kif gew ghandek?
T. Kont ghaddej u sibthom.
M. Fejn sibthom ezatt dawn l-affarijiet?
T. Fejn l-ghelieqi (Pembroke).
M. Meta inti ghidtilna li dawk huma l-affarijiet ta’ l-gharusa tieghek kont taf li qed tigdeb?
T. Iva ghax kont qed nibza.
M. Inti rajt lil xi hadd ikisser xi hgiega tal-karozza ipparkjata fil-parking area ta’ ITS?
T. Le jiena ma rajt lil hadd. Jiena kont ghaddej mit-tela ta’ hdejn l-ghelieqi ta’ Pembroke u kien hemm tnejn minn nies kienu bil-karozza Fiesta Hamra qed ihollu speakers ta’ vettura ohra liema speakers kienu fuq xkaffa ma l-art u wara li qaluhom telquhom wara sigra. Dawn harbu jigru minn fuq il-post ghax jiena dak il-hin kont tiela bil-karozza u raw id-dawl. Wara li telqu jiena inzilt mill-karozza u hathom.”

Mis-suespost jemergi b’mod car li l-imputat mhux persuna kredibbli.

L-ewwel il-Pulizija tahom verzjoni li l-oggetti kienu tat-tfajla tieghu, imbaghad fl-istqarrija ammetta li kien gideb ghax kien qed jibza’, fl-Istqarrija taha verzjoni li l-oggetti hadhom wara li kienu serquhom tnejn minn nies li kienu b’karozza Fiesta Hamra u wara fil-verzjoni li taha lill-Probation Officer Carmen Borg qal li kien seraq l-oggetti hu!

Jidher car ukoll li l-imputat ghex hajja fejn sab komdu lill-missieru li jghinu finanzjarjament inkluz li hallaslu kemm il-darba l-multi li gie ordnat ihallas u fl-istess hin jipprattika l-vizzju tal-loghob ta’ l-azzard u di piu’ jirrizulta li f’hajtu qatt ma hadem.

Inoltre il-fedina penali tal-imputat titkellem wahedha (ara Dok NSM1 – fedina penali aggornata tal-imputat). Minn din il-fedina penali jirrizulta li l-imputat inghata diversi opportunitajiet li jaqbad it-triq it-tajba, pero' dan ta' xejn.

Ghaldaqstant il-Qorti mhix tal-fehma li ir-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg fir-Rapport taghha Dok CBP1 li din il-Qorti tikkonsidra li l-imputat jinghata Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu ta' tlett snin ghandha tigi milqugha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 334, 325(b), 49, 50, 17(b) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat hallas lill-vittma is-somma ta' Lm120 sabiex tkopri l-hsara li saret fil-vettura EAC-564 (Ara Dok SMG1 fol. 29 tal-Process), filwaqt li issib lill-imputat Christopher Shepherd, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, tikkundanna lill-imsemmi imputat Christopher Shepherd ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) u ghaxar (10) xhur prigunerija.

Rigward l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Carmelo Abdilla u l-Ispettur Anthony Agius fejn ikkonfermaw dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Abdilla fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004 rigward l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u cioe' li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq.

Il-Qorti tispera li din is-Sentenza isservi ta' deterrent ghall-imputat Christopher Shepherd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------